**Se tiftaħli?**

Qed inħabbatlek
Fil-bard u fil-ksieħ,
Idejja qlajthom
Kemm nixtieq nistrieħ!
Għax rasek iebsa?
Ruħek mhix ħielsa.

Ħa nibqa' f'dal-bard
Nibqa' nħabbatlek,
Forsi titfaħli
Dan biss li tlabtek.
Nistħassrek tbati
Għax ma tridx tagħti.

Għandek kuxjenza
Tħallini barra?
Ir-rota ddurlek
Għax qed tiżgarra?
Taħbita oħra
Tibqax fil-ħofra.

Erġajt sejjaħtlek
Għadek fil-għali,
Tibqax timpika
Mhux trijonfali.
Ġrajjietek iddur
Aħfer, tibqax sur.

Għajjejt ngħajjatlek
Leħni ma tridux,
Qed twebbes qalbek
Għerfi ma tfittux.
Requiem int trid
Qalbek tal-ħadid.

Siegħetek tiġi
Qegħda fuq l-għatba,
Din l-aħħar sejħa
Qabel il-għata.
Ġismek jindifen
Ruħek tintiżen.

Din kollha mħabba
Twissija bis-sliem,
Tista' twarrabha
Iġġenneb il-kliem.
Mhux l'għad tara
Kif tmut xi ħsara.

Ismagħni ħija
Oħti iċċekken,
Agħlaq dak ħalqek
U ieqaf redden.
Int il-ġenna trid?
Tagħżilx il-kastig.

Il-għażla f'idejk
Għall-eternita',
Qed taħdimha int
Bl-akbar libertà.
Ftit ħin baqagħali
Int se tiftaħli?

Patri Mario Attard OFM Cap
5 ta' Diċembru 2023

Ibierkek Alla li jista' kollox fl-Isem tal-Missier, tal-Iben u tal-Ispirtu s-Santu. Amen.